MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2006

Numru. 513/2005

**Il-Pulizija**

**Spettur Antonello Grech**

**V**

**RAYMOND BUTTIGIEG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RAYMOND BUTTIGIEG** bin John u Tarcisia nee Sultana, imwieled nhar l-ewwel ta' Ottubru 1984 u residenti 41, Triq ta' wara s-Sur, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 36884G gie imressaq quddiemha akkuzat talli fid-disgha ta' Gunju 2005 u nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Settembru 2005, f'hinijiet differenti matul il-gurnata, w anke filghaxija, f'diversi toroq fir-Rabat, Ghawdex, offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghal pubbliku.

Rat l-affidavit ta' WPS 160 Josephine Camilleri u ta' PS 369 Joseph Mizzi.

Rat z-zewg okkorrenzi esibiti bhala dokument WPS u PS datati disgha ta' Gunju 2005 u tnax ta' Settembru rispettivament.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-wiehed w ghoxrin ta' April 2006.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti nnominat lil Probation Officer Miriam Sevasta b'digriet taghha tal-wiehed w ghoxrin ta' April 2006, sabiex thejji *pre sentencing inquiry report* dwar l-imputat.

Illi nhar l-hmistax ta' Gunju 2006, **dehret l-Probation Officer Miriam Sevasta u halfet r-rapport taghha** li gie mmarkat bhala dokument PSIR.

Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-imputat ilu taht kura psikjatrika sa mit-tmienja ta' Gunju 2005, meta kien beda juri sinjali suwicidjali. Jirrizulta wkoll li fi tlett okkazzjonijiet diffrerenti, l-imsemmi imputat offenda l-pudur ta' persuni differenti. F'zewg okkazzjonijiet il-vittmi kienu zewg tfajliet li ghalkemm ghamlu rapport lil pulizija, huma xtaqu li l-imputat jigi mwissi biss mill-pulizija u li ma jittehdux passi fil-konfront tieghu.

Illi l-ufficjal tal-probation Miriam Sevasta tkellmet wkoll mal-psikjatra u social worker tal-imputat u minn ezami mizmum maghha, rrizulta li l-imputat fil-fatt ghamel kambjament ghal posittiv f'hajtu tul dawn l-ahhar xhur u fil-fatt qed juri ko-operazjoni ma dawn il-persuni li tawh l-ghajnuna w anke nghata medicina sabiex jigu kontrollati l-imgieba u l-istint tieghu.

Il-Probation Officer Miriam Sevasta kkonkludiet li fil-present l-imputat jinsab pazjent fuq bazi residenzjali gewwa s-Short Stay Ward u l-kondizzjoni mentali tieghu mhux wahda stabbli.

Illi l-ufficjal tal-probation ikkonkludiet li fil-fehma taghha ikun idejali li l-imputat jinghata sentenza sospiza kif wkoll li jibqa jzomm kuntatt regolari mal-psikjatra u mas-social worker.
Ghalhekk **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**, tiddikjara li ssib lil imputat RAYMOND BUTTIGIEG hati tal-akkuza kif migjuba fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tikkundannah ghal piena karcerarja ta' xahar sospiz ghal sentejn ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tirrakkomanda lil imputat RAYMOND BUTTIGIEG sabiex izomm kuntatt mas-social worker tieghu u mal-psikjatra Doctor Anton Grech bil-ghan li huwa jzomm 'l boghod mill-hajja tal-kriminalita.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lil imputat wara li spjegatlu fi kliem car l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha u l-imputat ddikjara li fehem ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------